Kemm ngħir għalik, Luretu,
Dejjem għal irkobbtejk;
Nixtieq inwilli kollox
U ninżel ftit hemm ħdejk.

U ruħi nħalli f'idek
Bħal żarbun maħmuġ;
Bir-rwiefen, bit-tempesti
Mkedded u mifluġ.

L-idejn onesti tiegħek
Iqaxxru ħmieġ u tbajja';
Minxur hemm fl-art ma' ġenbek
Insib is-sliem u ħajja.

**J.P. VASSALLO.**
**2 ta' Frar ta' 1972.**

NOTA — Luretu kien ħabib tiegħi żebbuġi li kien jaħdem Strada Carri kantuniera ma' Strada Rjali.

* * * *

# Il-Kwiekeb Ikellmuk

Il-kwiekeb ikellmuk meta ssejħilhom,
bil-lejl, bin-nhar, għax dejjem jistennewha
xi kelma minn hawn isfel fejn uliedhom
ma jitwildux sikwit. Iżda jaqbillek
tistenna jaqa' d-dlam u n-nies imorru,
għaliex fis-skiet il-kelma toħroġ ċara,
u ħadd ma jidħak bik kif jagħmel tifel
li jisma' l-ħoss ta' lingwa li mhix tiegħu,
u l-kwiekeb ma jħobbux lil min jissemma'.

Aħjar tistenna d-dlam, iżda jekk inti
m'intix fir-razza żgħira ta' uliedhom,
fid-dlam jagħarfuk l-istess u leħnek jikxfek,
w għalxejn, għalxejn tistenna, għad li veru
li l-kwiekeb ikellmuk meta ssejħilhom.

**24/8/73** **OLIVER FRIGGIERI.**

Poeżiji ta'
ETHEL PICKARD

# Kuntrast

Fejn dari kont tilmaħ ħamrija,
il-lum hemm siment u konkrit.
Iġġarrfu l-ħitan tas-sejjieħ
u nibtu il-vilel
bl-irħam u l-madum
u tbiegħed l-agħjat tal-bejjiegħ
fl-isqaqien u l-widien.
Minn flok kannizzati
jitkabbru fuq bjutna
dawk l-arbli għoljin
juruna fi djarna
kemm saru għorrief il-bnedmin.
Iż-żwiemel inbidlu f'karrozzi
li jtellqu fuq tarmac sħun, sħun
u jsakkru s-sewwieqa
bid-demm li jgelgel mill-vini.

U ż-żgħażagħ ferħana, daħkana
inbidlu f'oħrajn li jgergru
li dejjem xewqana,
qatt m'huma xebgħana.

Fejn dari irħula, l-imħabba, is-sliem,
illum hemm l-ibliet
hemm il-ġlied.

# DEŻERT

Għajjiena, għatxana,
interraq f'deżert
nittallab ftit ilma
mill-blat.
Inħares madwari,
u nilmaħ fil-bogħod
funtani ilellxu